MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Numru 1150/2008

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Paul Debattista

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat Paul Debattista ta' karta ta' identità numru 104563M, akkuzat talli fis-17 ta' Settembru 2008 ghal habta ta' xi l-10:30p.m. waqt li kien gewwa c-Centru tas-Sahha Rahal Gdid li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule Rahal Gdid:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' George Casha minn Rahal Gdid persuna inkarigata skond il-Ligi minn Servizz Pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi

ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ George Casha minn Rahal Gdid persina inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ George Casha minn Rahal Gdid skond ma ccertifika Dr Joyce Aquilina MD (Reg. 5111) mill-Isptar Mater Dei.

4. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fuq (nuccali tal-vista) ghad-dannu ta’ George Casha minn Rahal Gdid hsara ma tiskorriex €1164.69 imma hi izjed minn €116.47.

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha.

7. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil George Casha minn Rahal Gdid ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali.

8. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien diga gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ George Casha minn Rahal Gdid u tapplika l-

provvedimenti ta’ l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni ta’ l-akkuzat hi wahda volontarja u inkondizjonata u fuq l-insistenza da parti tieghu fuq tali ammissjoni l-Qorti jkollha tiddikjarah hati tal-akkuzai migjuba kontra tieghu.
Dawn l-akkuzi jirrigwardaw:
- l-attakk u rezistenza kontra ufficjal pubbliku – Artikolu 96 Kap 9
- t-theddid, l-ingurja jew l-offiza diretta kontra ufficjal pubbliku – Artikolu 95 Kap 9
- l-offiza ta’ natura hafifa fuq l-istess ufficjal pubbliku – Artikolu 221 Kap 9
- l-offizi kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, li lissen fil-pubbliku kliem oxen u indecenti konsistenti f’dagha u ta’ ingurji u theddid – Artikolu 338(dd), 338(bb), 342 u 339(e) Kap 9.
- r-recidivita’ – Artikolu 49 u 50 Kap 9

Dwar il-piena l-fatti li taw aditu ghal dawn il-proceduri m’humiex kontestati fis-sens illi fil-gurnata u lok specifiku l-kwerelant impjegat bhala ‘security guard’ mad-Dipartiment tas-Sahha l-poliklinika ta’ Rahal Gdid, safa milqut b’daqqa ta’ ponn mill-akkuzat li rreagixxa ghal xi kliem li kien lissen l-kwerelant minhabba vomtu fil-latrina li kien sar mit-tfajla ckejkna ta’ liema jirrizulta l-akkuzat kien in-nannu filwaqt li hassa hazin.

Mehuda in debita konsiderazzjoni c-cirkostanzi tiddeciedi wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati flimkien mal-Artikolu 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tillibera lill-akkuzat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum u torbot lill-imputat ghal zmien sena mill-lum li ma jdejjaqx jew ikellem lill-kwerelant taht penali ta' €230 a bazi tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Dwar id-danni sofferti mill-kwerelant tastjeni li tipprovdi stante li gew risarciti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------